

# Tifkiriet...

Minn Michelle Sharma

**Nota Editorjali:**

*Dan l-artiklu kien deher fil-ktejjeb li l-Għaqda Mużikali Imperial ippubblikat fl-okkażjoni tal-Festa tal-Vitorja 2004. Permezz tal-pubblikazzjoni mill-ġdid tiegħu, il-Bord Editorjali jixtieq isellem il-memorja ta' Michelle Sharma née Debono, bandista tal-Banda Imperial li għaddiet għal ħajja aħjar nhar id-29 ta' Jannar 2018.*



Qisu l-bieraħ. Bil-qiegħda fil-karozza, missieri jsuq u qed jisma' xi marċi fuq *tape*. Billi konna l-Awstralja, il-marċi ma kienu jfissru xejn għalija. Iżda kien hemm Innu li kien iġib demgħa f'għajnejn missieri kull darba li kien jisimgħu… u għalhekk laqatni dan l-Innu. Wara xi żmien tgħallimt li kien l-Innu Lil Bambina. Kien għad għandi xi tmien snin u wara xi mistoqsijiet 'l hawn u 'l hemm sirt naf li fil-Mellieħa kien hemm il-Każin Imperial u, skont missieri, l-aqwa banda f'Malta. L-Innu kien tagħhom u kien jindaqq fi żmien il-Vitorja. Ta' tifla li kont saret ħolma li xi darba ndoqq l-Innu. Forsi ħolma ta' dak il-ħin, forsi ħolma ta' tifla li kont, forsi għax rajt kemm din il-banda u l-każin ifissru għal missieri.

Bdejt nitgħallem indoqq u ta' disa' snin ħriġt indoqq ma' 'Lady Queen of Peace Parish Band' ġewwa Sydney. Bil-kemm għalaqt sena ndoqq magħhom li ommi u missieri ddeċidew li jerġgħu lura Malta u f'kemm ilni ngħidlek sibt ruħi ġewwa l-Mellieħa. Post sabiħ ferm, post żgħir, post ġdid. Lanqas dam xejn missieri ma ħadni nara l-Każin u f'temp ta' ġimgħa kont qiegħda bilqegħda għall-kunċerti.

Għall-ewwel ħassejtni daqsxejn bħal ħuta barra mill-ilma, iżda malajr għamilt ħbieb ma' bandisti oħra. L-ewwel post li daqqejt kien fil-pjazza stess. Tellgħu l-iljuni ġodda fuq il-bejt u ma waqfux ikantaw l-innu 'Tal-Iljun'. Ħsibt li n-nies kollha preżenti tilfu rashom. Lanqas biss kont nifhem fuq xiex qegħdin jagħmlu dan l-għaġeb kollu.

Għaddew ftit snin u sibt ruħi fil-Kumitat Żgħażagħ. Dak kien żmien!!! Wieħed mill-perjodi l-aktar sbieħ ta' ħajti. Għamilt ħbieb li għadhom l-akbar ħbieb tal-qalb sal-lum il-ġurnata. Kemm għamilna praspar! Mixjiet fil-kampanja, *barbecues* fejn il-baħar, *pasta-nights*, Diskos tal-Karnival. U l-festi!! Kemm briju u kant! Kemm dħakna, kemm bkejna, kemm iġġilidna, kemm tgħallimna!

Iż-żmien jgħaddi. Kollha kbirna. Studjajna u bdejna naħdmu. Ir-responsabiltajiet f'ħajjitna żdiedu u l-ħin li kellna għall-każin naqas. Jien kont waħda li sifirt u għalhekk m'għadnix inkun l-Imperial ħlief meta niġi fuq xi vaganza. Illum sirt omm u l-aktar ħaġa li nixtieq hi li t-tifel isir jifhem xi tfisser għalija l-Mellieħa u l-Każin Imperial. Illum sirt nifhem ħafna għaliex missieri kienet tiġih demgħa kull darba li kien jisma' l-Innu għax hekk ukoll jiġrili jien. Il-Każin Imperial huwa aktar milli sempliċi każin. Huwa familja kbira mimli għaqda. Post fejn qattajt żogħżiti. Post fejn jinsabu sħabi kollha. M'huwa xejn mingħajr iż-Żożi fil-bar, il-Ġina jonfoħ kemm jiflaħ fl-Istrument, l-aħwa Josef u Tonio, il-President Ġużepp, sħabi li kbirt magħhom: Anne-Marie, Norbert, Kathlene, Roseanne, Johnny, Steven, Jason u Shawn biex insemmi biss ftit; Carmen u Vivie li sibthom dejjem hemm meta kelli bżonnhom, u ovvjament missieri li kieku ma kienx għalih ma kontx insib din il-familja kbira li tfisser daqshekk għalija.

Waslet Vitorja oħra u għalkemm miniex se nkun hemm preżenti, mill-Indja se nkun qegħda naħseb fikom kull ħin u mument f'din il-ġimgħa. Inħobbkom ħafna u nimmissjakom kollha speċjalment f'dan iż-żmien. Jalla jkollkom Vitorja mill-Isbaħ!